**REGJUN XLOKK**

IL-BELT VALLETTA (CITTA' UMILISSIMA), IL-BIRGU (CITTA' VITTORIOSA), L-ISLA (CITTA' INVICTA), BORMLA (CITTA' COSPICUA), HAZ-ZABBAR (CITTA' HOMPESCH), IZ-ZEJTUN (CITTA' BELAND),IL-FGURA, FLORIANA, IL-KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL TARXIEN, IX-XGHAJRA.

# Minuti tal-Laqgha Nru. 27 / 2012

Data u hin

Il-Laqgha Nru 27/2012 tal-Ewwel Amministrazzjoni
saret il-Hamis, 29 ta' Marzu 2012 fis-6.30pm
fl-Ufficcji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien
f' 73 Triq Santa Marija, Tarxien.

Attendenza

**Prezenti ghal-laqgha :**

| | |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia | President, Sindku Tarxien |
| Dr Alexiei Dingli | Sindku Valletta |
| Is-Sur Joseph Scerri | Sindku Bormla |
| Is-Sur Nigel Holland | Sindku Floriana |
| Is-Sur Anthony Valvo | Sindku Xghajra |
| Is-Sinj. M'Lourdes Lautier | Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzati :**
Sindku Birgu
Sindku Zabbar
Sindku Kalkara
Sindku M'Scala

**Assenti :**
Sindku Isla
Sindku Zejtun
Sindku Fgura
Sindku Marsa
Sindku M'Xlokk
Sindku Paola

Il-President, Chev. Paul Farrugia, qal it-talba u ppresieda l-laqgha li bdiet fis-7.00pm.

27.1 **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 25/2012 mizmuma fis-17 ta' Frar 2012 u dawk tan-Nru 26/2012 mizmuma fl-20 ta' Marzu 2012 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, ghalhekk il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija, u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.

Il-Kumitat approva l-minuti, liema minuti ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**27.2 Punti Mqajjma**

27.2.1 **LES**

27.2.1.1 **Tender Warden Services**

Il-President informa lil dawk prezenti li dakinhar fil-ghodu kient ghada kemm saret laqgha ohra ta' agudikazzjoni tat-Tender tal-Warden Services fejn giet diskussa r-risposta li rcieva minn ghand kumpanija li tefghat offerta wara kjarifika. Il-process qieghed f' fazi avvanzata.

Tender Warden Services

27.2.1.2 **CCTV Camera fil-Fgura**

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lil dawk prezenti li s-CCTV Camera tal-Fgura minn November sal-llum kienet ghada mhiex tahdem filwaqt li xorta waslu kontijiet tal-internet connection taghha. Biex tkun tista tibda tahdem, kumpanija talbet hlas ta €400 filwaqt li technician iehor talab biss €60 u uzu ta' high-up li ntalab hlas ghalih ta' €40 ghal-saghtejn. Hu ttamat li din tibda topera malajr kemm jista jkun.

Fgura CCTV

27.2.1.3 **Speed Cameras tal-Barrani**

Is-Segretarju Ezekuttiv informat lil dawk prezenti li saret taf li Speed Camera tal-Barrani ma kienitx qed tiffonzjona wkoll. Minn raporti irrizulta li l-ahhar citazzjoni harget fil-11 ta' Jannar 2012 u li mhux ghax staqsiet hi, hadd ma hadd ma nfurma fuqha sa xi gimgha ilu meta gie rrapurtat li kienet ilha ma tiffunzjoni ghal-tlett ijiem biss. Ghalhekk issejhet laqgha f' dan ir-rigward ma' raprezentant tal-kumpanija responsabbli ghaliha u ma' l-Authorised Officer.

Cameras Tal-Barrani

27.2.1.4 **Haddiema tat-Tribunali**

Ir-Regjun gie nfurmat li gimgha l-ohra saret laqgha bejn Dipartiment u l-ETC rigward il-haddiema tat-Tribunali sabiex tigi regolarizzata il-posizzjoni taghhom. Sa dan it-tant dawn il-haddiema ghadhom qed jithallsu ghas-servizz taghhom skond kif kien gie ordnat mid-Direttur (DLG) fi Frar 2012.

Haddiema tat-Tribunali

27.2.1.5 **Prosekuturi**

Ir-Regjun ghadu mhux sodisfatt kif qed tigi mhaddma is-Sistema tal-LES dwar is-Seduti u l-Prosekuturi. Is-Segretarju Ezekuttiv haddet l-inizjattiva biex din is-sitwizzjoni tigi meljorata u fil-fatt fl' 20 t' April 2012 ghanda ssir laqgha minn Datatrak ghal-haddiema tat-Tribunali tar-Regjuni kollha sabiex tibda tithaddem sistema li tkun konformi ghat-Tribunali kollha.

Prosekuturi

27.2.1.6 **Tender Authorised Officer Services**

Il-ftugh tat-Tender tal-Authorised Officer Services sar fil–15 ta' Marzu 2012 u kien hemm zewg offerti. Ghalhekk waqt din il-laqgha kellu jinhatar l-Adjudication Committee - dawk prezenti qabblu unanimament f' dan ir-rigward li dan ikun kompost mill-President tar-Regjun, is-Sindku tal-Belt, s-Sindku tax-Xghajra, s-Sur Edgar Gatt (LES Management Committee) u s-Segretarju Ezekuttiv.

AO Tender

27.2.1.7 **Servizz ta' Wardens**

Is-Segretarju Ezekuttiv prezentat e-mail mibghuta mis-Sindku tal-Belt fl-20 ta' Marzu 2012, illum prezenti, fejn semma li regolarment mhux ikun sodisfatt bis-servizz tal-Wardens li qed jinghata. Dawk prezenti qabblu li ghandhom jittiehdu passi biex tigi rimedjata din is-sitwazzjoni. Is-Sindku tal-Furjana qal li fejn jinghata servizz tal-Wardens hazin, ghandha tinghata spjegazzjoni u jittiehdu l-passi necessarji.

Ilment dwar Wardens

27.2.2 **Logo ghar-Regjun** Logo

Dawk prezenti gew infurmati li wara li gew prezentati kopji tal-minuti relattiv u d-disinn kif approvat mir-Regjun u ffirmati mill-President u s-Segretarju Ezekuttiv, sal-lum ir-Regjun ghadu qed jistenna *feedback* mid-Dipartiment.

27.2.3 **EU Sustainable Energy Week 2012** Sustainable Energy Week

Giet prezentata e-mail mibghuta mill-AKL sabiex issir partecipazzjoni u jigi promwov l-uzu ta' energija renovabbli u efficjenti specjalment bejn it-18 u t-22 ta' Gunju 2012. Dawk prezenti ssugerew li ghandha tintbghat reminder lill-Kunsilli Regjonali.

## 27.3 <u>Affarijiet Finanzjarji</u>

27.3.1 **Hlasijiet** Hlasijiet

Giet prezentata Payment Schedule u dawk prezenti approvaw il-hlasijiet indikati fl-istess *schedule*.

27.3.2 **Sitwazzjoni Finanzjarja** Sitwazzjoni Finanzjarja

Ir-Regjun zamm laqgha fl-1 ta' Marzu 2012 mad-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tieghu, li ghaliha kien prezenti wkoll l-Accountant tar-Regjun u s-Sur Silvio Frendo. Gie prezentat budget li gie mfassal fuq statistika relattiva mas-sitwazzjoni qabel Settembru 2011 biex seta' jigi mahdum. Gew mgharrfa kif ir-Regjun qed ihallas invoices bl-lura sabiex ilahhaq peress li l-introjtu bhalissa mhux bizzejjed biex jonora l-invoices kollha pendenti u tqies il-fatt li dalwaqt wasal biex imur fl-ufficju Regjonali u l-ispiza li din ser tinvolvi. Irrizulta b'mod l-aktar car li min gietu l-ideja li jigu fformati r-Regjuni, ra biss id-dhul mill-kontravenzzjonijiet u ma sarux kalkoli u studji ta' kemm verament huma l-ispejjez biex tithaddem is-sistema tal-LES.
Ir-Regjun kien pro-attiv u talab li d-Dipartiment iselfu somma b' termini u kundizzjonijiet biex jirkupra temporanjament mis-sitwazzjoni finanzjarja prezenti.
Id-Direttur issugerixxa li ghandha ssir talba formali ghal din ir-rikjesta u li tigi mghoddija lil Ministru tal-Finanzi.
Dawk prezenti qabblu unanimament li ghandha ssir din it-talba u kien ikun ahjar kieku kien hemm aktar Sindki prezenti sabiex tittiehed rizoluzzjoni f' dan is-sens.

27.3.3 **Parir legali** Parir Legali

Gie prezentat parir legali minn Dr Joe Mifsud dwar kif il-Kumitat Regjonali jista' jkun attiv u ma jistenniex li l-multi jithallsu minghajr ma jkun hemm xi forma ta' sforz biex dawn jingabru. Fost affarijiet ohra ssugerixxa li l-ewwel li ghandu jinhareg huwa avviz ghall-hlas sa mhux aktar tard minn tliet xhur minn meta jkun hemm id-decizjoni tal-Kummissarju peress li wara li jircievu dan l-avviz ikollok min jiddeciedi li jhallas. L-Avukat li jibghat din l-ittra eventwalment jithallas meta dik il-kontravenzjoni partikolari tigi mhallsa. Dawk prezenti unanimament qabblu ma' dan is-suggeriment.

27.3.4 **Petty Cash** Petty Cash Tribunali

Ittiehdet decizjoni li t-Tribunali ma jinghatawx *petty cash*. Meta jkun irid jinxtara xi haga li tiswa sa €23.29, ghandhom jinformaw lis-Segtretarju Ezekuttiv biex jsir ix-xiri u l-hlas. Kull l-ahhar tax-xahar jew meta jintalbu, l-ircevuti kollha u lista li tikorrispondi maghhom jridu jghaddu lis- Segretarju Ezekuttiv.

27.3.5 **Servizzi tat-telefonija, internet u copiers**

Dan ix-xahar bdew jithallsu s-servizzi tat-telefonija, l-internet u tal-copiers tat-Tribunali. Kwotazzjonijiet ghal servizzi

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lil dawk prezenti li ser ikollha laqghat u titlob quotations ma' service providers sabiex jekk ikun jaqbel jigu negozjati servizzi orhos.

**27.4 <u>Affarijiet Ohra</u>**

**27.4.1 Containment Areas**

Rigward Containment Areas li ricentement gew proposti mill-Gvern, is-Sindku tax-Xghajra rrimarka li hemm bzonn appogg Regjonali, waqt li s-Sindki jridu jaghmlu mezz li jattendu ghal dawn il-laqghat u jkunu solidali, filwaqt li rrimarka dwar n-nuqqas ta' attendenza ta' certu Sindki. Containment Areas

**27.4.2 Rapport Amministrattiv**

Qed jigi abbozzat ir-Rapport Amministrattiv 2010/2011. Data ta' meta ser issir Laqgha pubblika tithabbar aktar tard minhabba l-impenji tal-President. Rapport Amministrattiv

**27.4.3 I-KIDS Summer 2012 Project**

Il-programm I-KIDS Summer 2012 Project kien intbaghat lis-Sindki kollha. Ta' min jinnota li n-numru ta' *households* indikati fid-dokument ma jirriflettix in-numru rejali bhal per ezempju tal-Furjana, ta' Hal Tarxien u tax-Xghajra. Ghandhu jkun maghruf jekk l-ammont kwotat jinkludiex VAT. Dan ghaliex li xi lokalitajiet jistghu johorgu orhos. I-KIDS

Jekk jigi accettat, m' ghandux jintalab hlas ghal korsijiet li jsegwu. Ghandu jsir kommunikazzjoni mal-kumapnija li offriet dawn il-korsijiet.

**27.4.4 Ufficcju Regjonali**

Dawk prezenti gew infurmati li bhalissa l-unika haga li jonqos biex ir-Regjun imur fl-Ufficcju tieghu hi l-approvazzjoni ta' xi permess min-naha tal-KNPD. Ufficcju Regjonali

**27.5 <u>Għeluq tal-Laqgħa u Aggornament</u>**

Gheluq

Il-Laqgħa ntemmet fid-8.30pm.

Il-Laqgħa li jmiss ser tinzamm it-Tlieta 20 ta' Marzu 2012, fis-6.30 pm, fil-boardroom tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien.

| | |
|---|---|
| **Chev. Paul Farrugia**<br>**President** | **M' Lourdes Lautier**<br>**Segretarju Ezekuttiv** |

Minuti approvati llum il-Gimgha, 20 t' April 2012.